**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA’ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TNEJN U GĦOXRIN 17 ta’ MARZU, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D’Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D’Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **22.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 22.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta’appolġija x’jinqraw. |
| | | |
| **22.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 22.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u għoxrin - il seduta. |
| | | |
| ***22.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 22.3.1 | | Is-Sindku qalet li tkellmet mas-Soċjeta’ Mużikali Santa Katarina VM u aċċettaw li jġibu l-avviżi tal-Kunsill fuq l-istazzjon tar-radju tagħhom. Kien hemm qbil li s-Sindku tkellem ukoll lill-Għaqda Karmelitana u Banda QV ħalli meta jkun hemm xi avviżi meta jiftaħ l-istazzjon jkunu preparati ukoll. |
| | | |
| 22 .3.2 | | Is-Sindku qalet li intalbet li l-affarijiet tas-Soċjetajiet jibdew jinġiebu ukoll fuq yousafezurrieq. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***22.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 22.4.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud staqsa kif il-Kunsill ser jibqa fuq il-ftuħ tal-bandli għal waqt il-pandemija. Is-Sindku qalet li din il-ġimgħa kollha, marret kuljum iddur il-playing fields taż-Żurrieq. Hi qalet li marret ukoll l-għassa tkellem lill-pulizija, fejn infurmwha li qed jagħmlu diversi rondi u s'issa fil-playing fields għadhom ma tawx ċitazzjonijiet. Is-Sindku qalet li fiż-Żurrieq, fost oħrajn joqgħodu tfal bl-awtiżmu li jeħtiġilhom li jirrikrejaw ruħhom, speċjalment waqt il-pandemija. Qalet li jekk jingħalqu l-playing fields, tali tfal ma jkollhomx żvog u dan ikun ta' piż kbir fuq is-saħħa tagħhom. Il-ġenituri ta' dawn it-tfal huma responsabbli biżżejjed li jieħdu ħsieb li jżommu distanza u jnaddfu warajhom.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li din il-ġimgħa ma tistax tqisha bħala eżempju, biex tieħu feedback tas-sitwazzjoni fil-playing fields, minħabba li t-tfal għadhom jattendu l-skola online. Hi żieded tgħid li meta t-tfal jispiċċawlhom il-lezzjonijiet u ddur is-siegħa għall-ħin tas-sajf, is-sitwazzjoni tkun differenti. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li kien hemm kunsilli oħra li ħadu l-inizjattiva li jgħalqu l-playing fields, qabel ma ħarġet direzzjoni.<br><br>Is-Sindku qalet li jekk ikun hemm direttiva mid-Dipartiment tas-Saħħa biex jingħalqu l-playing fields, hi tordna fl-immedjat biex dan isir u anke jekk is-sitwazzjoni tinbidel minn dik li hi bħalissa, tieħu deċiżjoni oħra.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-Kunsill ma jistax joqgħod jistenna direttiva biex jagħlaq il-playing fields, imma għandu jagħmel dan fl-immedjat biex iħares is-saħħa tal-pubbliku.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li s suġġeriment li għamlu l-Kunsillier Kyle Mifsud u hu, għamluh, għax sena ilu inghalqu l-ġonna kollha, u dan kien sar hekk mingħajr ma kienet ħarġet direzzjoni mid-dipartiment tas-saħħa u żgur li dakinhar, dan il-ġest kien għal ġid tas-saħħa ta' kulħadd, u dan ħadd ma jista jinnegah.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hu u l-Kunsillier Kyle Mifsud forsi qed ikunu egoejisti f'sens tajjeb, li jingħalqu l-playing fields, imma jekk is-Sindku qed tassigura, li mhux qed ikunu iffrekwentati minn ħafna nies, ser joqgħod fuqha. Hu staqsa li jekk nhar il-Ġimgha fil-festa, jkun hemm influss ta' tfal li jifrekwentaw il-playing fields, x'kien ser jigri?<br>Is-Sindku qalet li nhar il-Ġimgħa ser terġa ddur il-playing fields f'ħinijiet differenti u jekk tinnota diversi persuni flimkien, titlob l-għajuna tal-pulizija u tavża lill-awtoritajiet biex jingħalqu. Is-Sindku qalet li hi għandha l-prijorita' tas-saħħa taż-Żrieraq kollha u ser tkun qed tisservelja kuljum, f'ħinijiet differenti.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li għandu ritratt li juri li nhar il-Ħadd li għadda kien hemm 7 persuni fil-Ġnien tal-ġibjun.<br>Il-Kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici baqgħu jaqblu li tali playing fields jingħalqu filwaqt li l-kumplament tal-kunsilliera ma qablux li jingħalqu għalissa. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li din il-ġimgħa m'għandiex tkun idejali biex il-Kunsill jieħu patern tas-sitwazzjoni, imma ħmistax oħra s-sitwazzjoni taf tkun differenti u jista jkun li l-Kunsill jirrevedi l-pożizzjoni tiegħu. Hi żieded tgħid li l-maġġoranza tal-ġenituri huma responsabbli u hemm ftit oħrajn li mhumiex. |
| | | |
| 22.4.1 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud, xi ġranet ilu ssuġġerixxa permess ta' email lill-Kunsill kollu, biex jinxtraw 10 slaleb tal-ġimgħa l-kbira, biex jitwaħħlu mal-arbli ta' Triq P P Saydon. Il-Kunsilliera kollha bagħtu email bi qbil ma' dan is-suġġeriment. Is-Segretaraju Eżekuttiv ġabret stimi u ordnat mingħand l-orħos offerent. Tali slaleb ser ikunu lesti sa ġimgħa oħra. |
| | | |
| 22.4.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• wara ġnein il-ġibjun għaddiet excavator u gaffa u baqgħu niżlien sa' barriera. Tali vetturi għamlu ħsara lit-tarmak u l-konkos fit-triq. Hu qal li għandu ritratti tal-ħsara. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk għandux informazzjoni ta' min għamel il-ħsara u hu wieġeb fin-negattiv. Kien hemm qbil li jsir rapport l-għassa bid-dettalji li għandu l-Kunsillier Joseph D'Amato u li l-Kunsill jinforma lill-Infrastructure Malta ukoll.<br>• F' Misraħ San Ġorg xi kuntrattur ħaffer trinka u parti minnha ġiet mgħottija b'konkos raff, filwaqt li parti oħra għadha ma ġietx mgħottija. Hu enfasizza li l-Kunsill jikkuntatja lill-kuntrattur u jesiġi li l-wiċċ tat-triq irid isir fi stat tajjeb.<br>• Staqsa fuq il-proċess tat-torri tal-wardija u talab li l-art tal-madwar it-torri tigi rranġata u mnaddfa. |
| | | |
| 22.4.3 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet li jekk ikun hemm isem ta' triq xi jsir, issir waħda għas-Sur Remig Sacco. Hi ser iġġib cv tal-personaġġ. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***22.5*** | | **Rapporti** |
| 22.5a | | Ma kienx hemm rapporti x'jinqraw. |
| | | |
| **22.6** | | **Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| | | |
| ***22.6a*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| | | |
| 22.6a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-proposta li Lesa flimkien mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għamlu lill-Kunsilli biex japplikaw għal fondi taħt l-iskema 'Proġetti fil-komunitajiet'. Għal dan il-fondi, l-kunsilli jistgħu japplikaw fuq : ambjent aħjar, transport alternattiv, infrastruttura moderna, lokalitajiet aktar siguri u wirt lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet il-proġett ta' green wall li fis-seduta li għaddiet |

| | | |
|---|---|---|
| | | kien hemm qbil li jsir mal-berġa tas-saħħa. Tali proġett diġa qed isiru taħdidiet fuqu u qed jintalbu l-istimi.<br>Is-Sindku ressqet mozzjoni biex għall-fondi Proġetti fil-komunitajiet, il-Kunsill japplika taħt l-iskema 1. Ambjent aħjar fil-lokalitajiet – Green roofs/walls. Tali mozzjoni ġiet sekondata mill-kunsilliera Dino Bonnici u Marisa D'Amato u kien hemm qbil unanimu fuqha. |
| | | |
| 22.6a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li waslet petizzjoni minn residenti ta' Triq il-Mitħna biex issir sleeping policeman quddiemhom.<br>Kien hemm qbil li tali petizzjoni titressaq għall-approvazzjoni ta' TM. |
| | | |
| 22.6a.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waħda mill-impjegati talbet li taħdem bit-tele working minn nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu, sal-Ġimgħa 9 ta' April. Fil-ġranet li t-tfal tal-iskola ser ikollhom lezzjonijiet online, minflok ġol-klassi. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li tkellmet mal-impjegati kollha biex jiftehmu bejniethom skeda, li fl-uffiċċju dejjem ikunu preżenti żewġ impjegati u ż-żewġ impjegati l-oħra jaħdmu bit-teleworking. B'hekk il-pubbliku jkun moqdi kważi normali. Kien hemm qbil mal-impjegati u l-iskeda bdiet min-nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu. |
| | | |
| 22.6a.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fuq direttiva tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika l-attivita ta' Mons P P Saydon li kellha issir fil-21 ta' Marzu ma tistax issir. |
| | | |
| 22.6a.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba għal tower crane fi Triq San Martin viċin Triq Santa Agatha. Kien hemm qbil fuq dan. **Dok 2 mehmuż.** |
| | | |
| 22.6a.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li tinħareġ tender għal pavimentar/ stencil paved għall-isqaqien. Hi qalet li sakemm tinħadem it-tender u sakemm tiġi aġġudikata, jgħaddi ż-żmien. Din tista sservi għal xi fondi li jista jieħu l-Kunsill u b'hekk it-tender tkun lesta. Jista ukoll il-Kunsill jibda xi sqaqin jekk jara li għandu budget biżżejjed. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>F'dan il -punt daħal il-kunsillier Kaydem Schembri ħin 18:35. |
| | | |
| **22.6b** | | **SPI/SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playingfields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li daħlu ilmenti biex Ġnien il-bennej issir gate biex iżżomm lit-tfal milli joħorġu dirett fit-triq. Hemm bżonn ukoll li jinbidlu xi arbli bid-dawl fuqhom. Din l-applikazzjoni tagħlaq fl-24 ta' April, 2021.<br>Is-Sindku ressqet mozzjoni biex tali applikazzjoni timtela fuq xogħol fi ġnien il-bennej. Tali mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Kenneth Farrugia u l-Kunsillier Dino Bonnici. Kien hemm qbil unanimu. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| **22.6b. 2** | | **SPI/SCI/3/2021 – Skema għall-attivitajiet kulturali annwali 2021.**<br>L-applikazzjonijiet jagħlqu fit-2 ta' April, 2021 u l-attivitajiet jistgħu jiġu implimentati hekk kif tinħareġ direttiva mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.<br><br>Din l-applikazzjoni ser tieħu ħsiebha l-Kunsillier Marisa D'Amato minħabba li l-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jħoss li ser jagħżaq fl-ilma, għax hemm ħafna linji gwida u mhux ċert x'jista jsir. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li tista taħseb fuq attivita li tinvolvi ftit nies biex jekk tiġi kkanċellata ma tkunx trid tikkuntatja ħafna persuni. Kien hemm qbil mal-proposta li ressqet.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| ***22.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 22.7.1 | | Ġew approvati l-minuti tr-Reġjun Nofsinhar laqgħa numru 45.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab spjegazzjoni ta' punt 45.5 u 45.6 Estimi Annwali u Pjan ta' Ħidma. Is-Sindku qalet li ser issir laqgħa annwali fejn dawn ir-rapporti ser ikunu spjegati. |
| | | |
| ***22.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 21.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta'**€50,174.72**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Dino Bonnici u Kaydem Schembri. |
| | | |
| ***21.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 21.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-19:10. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 28 ta' April 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 19 ta' Mejju, 2021

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**